



Brussell, 13 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12259/22
ADD 1

LIMITE

POLCOM 110
SERVICES 17
TELECOM 361
DATAPROTECT 250

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11376/22 ADD 1
Suġġett:	Direttivi ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera ta' data fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-direttivi ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika.

DIRETTIVI TA' NEGOZJATI GĦALL-INKLUŻJONI TA' DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-FLUSSI TRANSFRONTIERA TA' DATA FIL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

Natura u Kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet

Id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu nnegożjati u inklużi fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (il-Ftehim) ser jikkonċernaw esklużivament il-flussi transfrontiera tad-data bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, f'konformità mal-Artikolu 8.81 tal-Ftehim, li jagħti struzzjonijiet lill-Partijiet biex jivvalutaw mill-ġdid il-ħtieġa għal tali inklużjoni.

Kontenut propost tad-dispożizzjonijiet dwar il-flussi tad-data

Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni dejjem tiżdied tal-kummerċ u l-importanza tat-trasferimenti internazzjonali tal-flussi tad-data għall-kummerċ u l-investment transfrontiera, jenħtieġ li l-approċċ tal-Unjoni Ewropea f'dawn in-negożjati jkun koerenti mal-approċċ segwit f'dan il-qasam fir-rigward tal-ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar il-kummerċ u l-investment. B'mod partikolari, jenħtieġ li n-negożjati jirriżultaw f'regoli li jkopru l-flussi transfrontiera tad-data li jindirizzaw rekwiżiti mhux ġustifikati ta' lokalizzazzjoni tad-data, filwaqt li la jinnegożjaw u lanqas jaffettwaw ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u jenħtieġ li jkunu konformi mal-qafas legali tal-UE, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data personali u mhux personali u ċ-ċibersigurtà. Jenħtieġ li r-regoli ma jipprevjenux lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha milli jirregolaw l-attività ekonomika fl-interess pubbliku, biex jiksbu objettivi ta' ordni pubbliku leġittimi bħall-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni pubblika, is-sigurtà, l-ambjent, il-morali pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumaturi, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.